SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tnejn u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2009 fil-5:00 ta' filghaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-memos tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll l-invit qed jintbgħatu regolarment lil kull kunsillier bl-emails ma jkunx hemm il-bżonn li jiġu mgħoddija fil-laqgħa ħlief jekk ikun hemm xi ħaġa li tolqotna direttament.

**4.0 Sejħa għall-istudju dwar Lokalita' Sostenibbli**

4.1 Is-Sindku rrefera għal €15,000 li l-Kunsill ingħata sabiex ikun jista jipprepara biex ikolna lokalita' sostenibbli. Sar qbil li għandna noħorġu "expression of interest" fil-gazetta tal-gvern għal dan l-istudju.

4.2 Sar qbil ukoll li għandna nindagaw mal-Kunsilli l-oħra li ntgħażlu biex naraw kif imxew dwarha.

**5.0 Il-proġett tal-pannelli solari**

5.1 Is-Sindku rrefera għal dan il-proġett u għal fatt li hawn kumpaniji oħra li huma nteressati li joffrulna offerti simili u anke aħjar, ippropona għalhekk li b'mod uffiċċjali għandna noħorġu sejħa ta' nteress fuq il-gazzetta tal-Gvern biex b'hekk inkomplu nistħarġu għall-aħjar offerta biex lin-nies tagħna nkomplu noffrulhom l-aħjar ħalli nħajru aktar biex jipparteċipaw u b'hekk il-viżjoni tagħna ta' lokalita' ekoloġika tkompli miexja 'l quddiem. Il-Kunsill qabel li għandna nkomlu nisħqu biex nassiguraw li r-residenti ma jkollhomx il-bżonn iħallsu l-ammont sħiħ iżda l-€1000 biss.

5.2 Is-Sindku semma wkoll li ndaga mal-Ministru Austin Gatt biex il-meters tad-dawl ta' San Lawrenz jinbidlu kollha fi smart meters qabel ma jigu nstallati dawn is-sistemi. Huwa qal li s'issa għad m'għandux konferma uffiċċjali iżda kollox qed jindika li hemm qbil dwar dan.

**6.0 Materji ohra**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-konferma li akkwistajna mingħand l-ADT, dik li nistgħu naqilgħu l-Bus Stop ta' Triq San Lawrenz u npoġġuha fil-post li ssuġġerew ir-residenti dak fi Triq San Lawrenz fejn mhemmx bini.

Il-laqgħa ntemmet fis-6 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |